# *IL-BOLLI POSTALI TA' MALTA B'KONNESSJONI MAL-FLORIANA*

## *75 sena ta' storja*

minn
**Paul P. Agius Dip. Educ. (Adult), B.A.**



**Ir-Reġina Vittorja**

It-tqassim tal-posta f'Malta jmur lura għal żmien il-kavallieri, iżda kien fiż-żmien il-Gvernatur Lieutenat-General Sir John Gaspard le Marchant (1858-1864), taħt ir-renju tar-Reġina Vittorja (1860-1902), li kien ġie stabbilit b'mod organiżżat. Fl-1 ta' Diċembru 1860 ħarġet ordni biex kuljum jibda jsir it-tqassim ta' ittri u gażżetti lokali fil-Belt Valletta, il-Floriana u tas-Sliema. Hekk l-isem tal-Floriana kien imnaqqax fl-ewwel paġni ta' l-istorja postali ta' pajjiżna. Fis-sena 1926 ħarġet l-ewwel waħda minn sensiela ta' bolli li għandhom konnessjoni mal-Floriana. Din ir-rabta bejn il-bolli Maltin hi rrappreżentata permezz ta' Monumenti, Personaġġi u Ġrajjiet Nazzjonali relatati ma' dan is-subborg. Bejniethom joħolqu katina filatelika twila 75 sena li tasal sat-tieni miġja fi Pjazza San Publju, Floriana, tal-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II.

Il-konnessjoni ta' dawn il-bolli hi mqassma prinċipalment fuq tliet perijodi ta' l-istorja filatelika ta' Malta, li jmorru lura għal 75 sena, u li huma dawn:-

| | |
|---|---|
| **Malta taħt il-Monarkija Ingliża** | (1926-1964) |
| **Malta Stat Indipendenti** | (196401974) |
| **Malta Repubblika** | (1975-2001) |




1

## MALTA TAĦT IL-MONARKIJA INGLIŻA (1926-1964)




2




3

Matul ir-Renju ta' Ġorġ V (1910-1936) kienet ġiet inawgurata din is-sensiela tal-bolli bl-immaġni tal-vara ta' San Publju venerata fil-Knisja Arċipretali tal-Floriana bil-valur ta' 1/6d [1]. L-istess bolla ġiet riprodotta bl- 'overprint - Postage and Revenue' [2] bil-kulur aħmar. Dawn l-istess kelmiet ġew inkorporati fil-burdura ta' bolla ġdida li ħarġet sentejn wara [3].

Il-ħruġ tas-sett definittiv fl-1938 jerġa' juri l-monument tal-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena [4] fundatur tal- 'Borgo Vilhena', kif ukoll il-vara ta' San Publju [5]. Il-format ta' dan is-sett [37] lil

definittiv inbidel u beda juri wkoll wiċċ ir-Re Ġorġ VI (1937-1952). Dawn iż-żewġ bolli reġgħu ġew overprinted, din id-darba bil-kelmiet 'self government' djagonalment stampati bl-iswed [6-7].

Sitt snin wara ħareġ sett definittiv ieħor bil-wiċċ tar-Reġina Eliżabetta II, li kien fih tliet monumenti li hawn fil-Floriana, dak ta' l-Akwedott ta' Alof de Wignacourt [8], il-Mafkar tat-Tieni Gwerra Dinjija [9], u l-Monument ta' Kristu Re [10].



4



5

Iċ-ċelebrazzjonijiet nazzjonali konnessi mad-19 il-Ċentinarju tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta, ħallew impatt fuq il-pajjiż mhux biss mil-lat reliġjuż iżda wkoll għaliex fil-filatelija Maltija kien ġie introdott stil ġdid mill-pittur Emvin Cremona. Tlieta minn sett ta'sitt bolli juru l-Konsagrazzjoni ta' San Publju [11], it-tluq ta' San Pawl bil-figura ta' San Publju murija bl-ilbies episkopali [12]. Avveniment li jfakkar l-Assedju l-Kbir juri fuq bolla taż-2d l-immaġni tal-Madonna ta' Damaxxena, kwadru inkurunat fuq il-Fosos [13].



6



7



8



9



10



11



12

## MALTA STAT INDIPENDENTI (1964-1974)

Dik li qabel kienet ix-Xagħra (il-Floriana Parade Ground) wara ċ-ċerimonja tal-konsenja tal-Kostituzzjoni ta' Malta bħala Stat Indipendenti mid-Duka ta' Edinburgh, bdiet tissejjaħ l-Arena ta' l-Indipendenza. Hawnhekk twaqqaf Uffiċċju Postali għall-okkażjoni biex jittimbra s-sett filateliku storiku [14] li kien ħareġ ma' nofs il-lejl tal-21 ta' Settembru 1964.



13

Is-sett definittiv li ħareġ f'Jannar 1965 juri bolla (tax-xelin) bl-armi ta' bosta Reġimenti Maltin [15] li dak iż-żmien kienu jiffurmaw parti mill-Armata Ingliża. Il-kwartieri li kienu stazzjonati fihom huma mferrxa fil-Floriana, u jixhdu l-wirt arkitettoniku u storiku li ħallew f'dan l-istess Subborg. Bolla oħra tikkommemora l-Kungress

Ewkaristiku 1913 [16] bil-manifestazzjoni ewlenija li nżammet fuq il-Fosos. Il-blokk, illum imsejjaħ 'Europa Centre' u li sal-1971 kien il-kwartieri ġenerali tal-Kap Kmandant tan-National Atlantic Treaty Organisation (Mediterranean) [17], huwa muri fuq il-bolla tal-5 xelini mill-faċċata li tħares lejn il-Belt. Fuq dan is-sett insibu wkoll bolla tal-Lira li turi it-tliet patruni ta' Malta, San Publju, San Pawl u Sant' Agata [18].

Il-katina filatelika mal-Floriana tkompli bil-monument ta' Dante Alighieri [19], bit-tabib Robert Samut [20] (kompożitur ta' l-Innu Malti li twieled il-Floriana), il-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila [21], imfakkar bil-monument f'tarf Triq Sant' Anna. Il-Pjanta Nazzjonali Widnet il-Baħar [22], (Centaurea Spathulata) li ġiet skoperta fi Ġnien l-Argotti tidher fuq il-bolli b'valur ta' 2 soldi u tax-xelin u nofs.

Tlieta minn ħames personalitajiet prominenti li ħidmiethom torbothom mill-qrib ma' dan is-Subborg, kienu l-Arkitett Girolamo Cassar [23] li minbarra li kien ippjanta l-knisja tal-Kapuċċini li waqgħet fil-gwerra, u t-Triq ex-Duke of York li issa hija msemmija għalih, insibu lill-Professur John Borg [24], li kien Kuratur ta' l-Argotti, u l-Iskultur Antonio Sciortino [25], li ħoloq rabta ma' dan is-Subborg permezz tal-Monumenti tiegħu (ara Nru 10 u 32) u dak ta' Sir Adrian Dingli ġewwa l-Mall inawgurat mir-Re Dwardu VII fil-15 t'April 1907.



14



15



16



17



18



19



20



21



22



23



24



25

## MALTA REPUBBLIKA (1974-2001)

Il-bolli tal-31 ta' Marzu 1979 żgur li jfakkru lill-ħafna Furjaniżi fix-xena tas-swar tal-madwar il-Port il-Kbir, miżgħuda b'eluf ta' Maltin jagħtu l-aħħar tislima lill-bastimenti Ingliżi mat-tmiem tal-faċilitajiet militari [26].




26




27

L-immaġni ta' l-iskular u patrijott Malti missier l-ilsien Malti Mikiel Anton Vassalli (1764-1829) [27], li hu midfun fiċ-Ċimiterju fuq is-Swar ta' l-Imsida, Ġnien il-Mistrieħ tidher fil-bolla tat-30ċ. Iċ-ċentinarju mill-inawgurazzjoni tal-Ferrovija ta' Malta [28] juri l-waqfa fl-ewwel jew fl-aħħar stazzjon fil-Mina ta' ħdejn Bieb il-Bombi tal-vjaġġ bejn il-Belt, l-Imdina u lura.




28




29

L-uniformi tal-Pulizija hija familjari mar-residenti Furjaniżi minħabba l-fatt li l-Kwartieri Ġenerali kienu ġew fl-uffiċini li preżentement qed jokkupaw madwar 50 sena ilu, wara li dan il-post kien inbidel minn Sptar Ċentrali malli tlesta l-Isptar San Luqa, fil-Gwardamanġa. Is-sett tal-Pulizija jfakkar il-170 Sena mit-Twaqqif tal-Korp [29].




30




31

Fost numru ta' personaġġi Maltin li huma mfakkra fil-Ġnien tal-Mall insibu lill-Filantropista Vincenzo Bugeja [30] bil-monument inawgurat fid-9 ta' Settembru 1890 u l-Furjaniż Oftalmologu famuż il-Professur Sir Luigi Preziosi [31]. F'distanza qrib jinstab il-Monument ta' Kristu Re [32], waħda mill-opri kbar tal-famuż skultur Antonio Sciortino.




32




33

Il-bolla maħruġa għas- 'summit' Bush-Gorbachov [33], bl-inżul tal-ħelikopter (minħabba l-maltemp qawwi) tal-President Amerikan George Bush fl-Arena tal-Indipendenza jorbot il-lokal ma' dan l-avveniment mondjali. Żjara oħra storika fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex kienet dik tal-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II [34]. Il-ħruġ ta' sett bolli u timbri speċjali kkommemoraw il-laqgħa u l-merħba mogħtija mill-Maltin fuq il-fosos tal-Floriana.




34




35

Il-25 anniversarju tal-Union Ħaddiema Magħqudin [35] ġie iċċelebrat bil-ħruġ ta' bolla ta' l-4ċ, il-konnessjoni hi li din il-Union għandha l-Kwartieri Ġenerali tagħha fi Triq San Tumas, Floriana. Fl-istess sena ġie stampat sett definittiv li juri l-wirt naturali u artistiku tal-gżejjer Maltin. Il-bolla taż-Lm2 turi l-Monument ta' l-Indipendenza [36] xogħol l-Iskultur Ġanni Bonnici li tpoġġa quddiem il-Bieb tal-Mall. Il-ħarġa tal-50 anniversarju ta' l-Għoti tal-Midalja tal-George Cross

Malta, żgur li jġib tifkiriet koroh għal ħafna Furjaniżi minħabba li fl-istess ġranet kien jaħbat ukoll il-50 anniversarju mill-ħerba tal-knisja parrokjali tal-Floriana mill-Junkers '88 Ġermaniżi fit-28 t'April 1942.

Il-Movimenti ta' l-Iscouts u l-Guides [38] bil-Kwartieri Ġenerali fuq is-Sur ta' San Luqa ilhom stabbiliti fil-lokal tal-Floriana mis-snin 1932. Barra minnhekk ta' kull sena units u groups minn kull rokna ta' Malta jiltaqgħu biex jagħtu bidu għal marċ annwali tagħhom fuq il-Fosos.

L-istemmi ta' kull fejn jeżisti Kunsill Lokali huma riprodotti fi blokk ta' erbgħa, u huma ppustjati b'tali mod li jiffurmaw ċrieki mlewnin fuq sfond iswed. Dik tal-Floriana [39] tinsab fil-bolla tal-lemin fuq u qiegħda fit-tieni ċirku ta' ġewwa, u tingħaraf għax hija l-unika waħda li fiha ljun rampanti fuq sfond abjad. Fi Triq il-Kappuċini jinsab l-uffiċċju ewlieni ta' l-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti [40] din il-bolla hija tal-valur taż-2ċ.

Bejn is-snin 1996 u 2001 ġew imfakkru numru ta' personaġġi li ħallew isem warajhom f'oqsma differenti. Fuq il-bolla tat-30ċ jidher wiċċ Ineż Soler [41] (artista, mużiċista u kittieba) li kienet residenti fil-Floriana. Fis-sett tal-kommemorazzjonijiet jidher il-logo tal-Federation of Malta Industries [42] l-uffiċini ta' din il-Federazzjoni qegħdin fi Triq Sant' Anna. Il-famuż Pittur Giuseppe Calì [43] jinsab fuq il-bolla tal-25ċ. Fost ix-xogħlijiet ta' dan l-artist meħlusa mill-qerda tal-gwerra nsibu l-kwadru ta' l-Arċipriet F. Mallia u dak tat-titular ta' l-artal ta' San Lawrenz fil-knisja tal-lokal. Ir-rabta bejn il-Buses [44] mal-ħajja ta' kuljum hija xi ħaġa integrali ma' l-ambjent Furjaniż u dan huwa kkommemorat fuq is-sett dedikat lit-Trasport Mekkaniku. Fost il-pijunieri ta' l-edukazzjoni f'Malta jidher Mons. Paolo Pullicino [45] li l-bust tiegħu jinsab ħdejn l-istess Ministeru. Oriġinarjament l-isptar ta' ħdejn ix-Xatt kien issemma għar-Re Ingliż George V. Wara snin dan il-bini għadda f'idejn il-Gvern Malti u ssemma għall-politiku u tabib Sir Paul Boffa [46], li jidher fuq bolla waqt sessjoni tal-Parlament li inawgurat il-leġislazzjoni ta' l-1921.



36



37



38



39



40



41

Mattew Pulis imsieħeb ma' l-eroj li ħabtu għall-Franċiżi flimkien ma' Dun Mikiel Xerri huwa midfun (29.01.1799) taħt il-knisja ta' San Publju. Is-sett bolli jikkommemora l-200 sena mill-qawmien tal-Maltin kontra l-Franċiżi [47]. Il-bolla ta' 'Malta fis-Seklu Għoxrin' tal-valur tas-6ċ, hija d-dehra ta' Cruise Liner [48], veduta minn fuq is-Sur angolata 'l isfel lejn il-Port il-Kbir.




42




43

Is-sena l-oħra fi Frar u f'Mejju ħarġu żewġ settijiet li kkonkludew din il-konnessjoni twila ma' avvenimenti li jsiru fil-lokal. Dawn huma sett bolli tal-Karnival ta' Malta [49], bir-Re tiegħu li ta' kull sena jgħaddi parti kbira mir-renju tiegħu ġewwa l-Floriana. Ġrajja storika oħra mfakkra fuq il-bolli Maltin kienet il-Beatifikazzjoni ta' Nazju Falzon, Adeodata Pisani u Dun Ġorġ Preca mill-Q.T. l-Papa Ġwanni Pawlu II [50] fi Pjazza San Publju, Floriana.




44




45




47

Nota - In-numri indikati fuq u fit-Tabella (.....) jirreferu għan-numru tal-bolla fil-pubblikazzjoni 'JB Stamp Catalogue 16th Edition 2000', u 'Said - Malta Stamp Catalogue 1996'.




46




48

**Biblijografija**

Agius, Antonio - *Is-Subborg tal-Floriana w il-Parroċċa Tiegħu*, 1946.
Busuttil, Claude - *Antonio Sciortino* 1879-1947, 1997.
Calì, G - *Centenary Exhibition* (Notes and Index) 1946.
D.O.I. - *The Postage Stamps of Malta*, 1966.
Friggieri, Prof. Oliver - Artiklu fil-Ktejjeb *40 Anniversarju tal-FSOBA*.
Ganado, Dr Herbert - *Rajt Malta Tinbidel* Vol I-IV
Guillaumier Alfie - *Bliet u Rħula Maltin* Ħarġa Nru. 7 u 8.
Il-FSOBA - Ħarġiet tal-ġurnal *'Il-Furjana'*.
Mackay, James A - *The Story of Malta and Her Stamps*, 1966.
Tonna, Emmanuel S. - *First' Final Focus on Floriana*, 1967/1979.
Welsh, A.N. - *The Msida Bastion Garden of Rest*, 1995




49

Ħajr
Maltapost plc
għar-riproduzzjoni tal-Bolli.




50